MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 385/2005

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-30 ta' Dicembru, 1983 u minn dan iz-zwieg ghandhom tliet itfal, D ta' wiehed u ghoxrin, E ta' sittax u F ta' erbatax-il sena;

Premess illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba ingurji gravi, theddid u sevizzi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici u anke tal-ulied;

Premess illi l-konvenut mhux imantni lil martu u lill-ulied minuri, nonostante li jahdem;

Premess illi l-ulied jghixu mal-attrici biss u jinsabu kollha ippusjtati tajjeb, bil-kbir jahdem u bil-minorenni l-iskola;

Premess illi l-konvenut wera disinteress totali fl-ulied u fid-29 ta' Gunju 2004 telaq definittivament mid-dar matrimonjali u ma ghamel assolutament ebda kuntatt mal-ulied, b' mod li mhux aktar fl-interess tal-ulied li l-konvenut jarahom;

Premess illi b' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, tad-9 ta' Settembru, 2004, Digriet Numru 860/04 (Dok B anness), l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b' din il-kawza ta' separazzjoni personali, u t-terminu ghall-prezentata gie l-ewwel estiz sat-30 ta' Settembru 2005 b' digriet numru 995/05 (Dok D anness) u ghal darba ohra estiz sat-30 ta' Novembru, 2005 b' digriet numru 1423/05 (Dok E anness).

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dana unikament minhabba tortijiet u htija attribwibbli lill-konvenut;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri E u F, tigi fdata f' idejn l-attrici;

3. Tipprojbixxi lill-konvenut milli jara t-tfal;

4. Tnehhi kompletament id-dritt ta' setgha bhala genitur, li l-konvenut ghandu fuq l-ulied minuri;

5. Tikkundannah ihallas lill-attrici ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri manteniment li jigi stabbilit minn din il-Qorti, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata li tigi ukoll stabbilita;

6. Tapplika kontra l-konvenut it-telfien tal-jedd li jircievi manteniment minghand l-attrici u tal-jedd ta' successjoni;

7. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha b' mod illi tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48(1)(c) u 48(2) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-atti ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-lista tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
*Azzjoni*
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli unikament lilu; kif ukoll sabiex din il-Qroti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Dawn huma l-parametri gudizzjali ta' l-azzjoni odjerna.

*Fatti*
Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta' Dicembru 1983 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal D u E, illum maggjorenni, u F li ghadu minorenni u llum ghandu circa 16-il sena.

Illi mill-bidu tal-hajja mizzewga l-konvenut kien xhih hafna ma' martu, u eventwalment anke fil-konfront ta' uliedu; u l-attrici tghid li gieghli kien ihallihom bil-guh. Huwa wera ruhu li kien irresponsabbli fil-hajja mizzewga, stante li kien jitraskura lilha u lil uliedhom; u wkoll kien irresponsabbli

fix-xoghol tieghu, stante li, avolja kien kapaci jahdem, kien ghazzien u meta jfettilu ma kienx imur ghax-xoghol, bir-rizultat li kienu jitterminawlu l-impieg tieghu. Huwa kien jissellef il-flus bl-uzura minn fuq l-idejn, u kien jibaghat il-kredituri tieghu d-dar biex fi kliem l-attrici “nista’ npattilhom mod iehor” haga li l-attrici dejjem irrifjutat li taghmel. Anke il-flus tac-children’s allowance kien izomm ghandu u lill-attrici jghatiha parti zghira minnhom. Tghid li kien hemm zmien meta “Kien ihallina assolutament bil-guh.”

L-attrici tghid li mill-bidunett tal-hajja konjugali taghhom, il-konvenut kien jerfa’ idejh fuqha, u l-argumenti dejjem kienu fuq il-flus li ma kienx jaghtiha, tant li eventwalment kienet spiccat marret tahdem ta’ waitress part-time biex tlahhaq mal-hajja.

Tghid ukoll li huwa kien jghid kontinwament, anke quddiem it-tfal, li hu ghandu t-tfal minn mara ohra, u l-attrici ssostni li kien hemm zmien meta kien jghix ma’ mara ohra.

Illi nonostante dan kollu, l-attrici zammet it-tfal maghha u kompliet trabbihom kif tista’, u llum l-ewwel tnejn ghandhom impieg regolari, fil-waqt li F ghadu jistudja. Tghid li l-konvenut telaq mid-dar konjugali fid-29 ta’ Gunju 2004, u minn dak iz-zmien ma ghamilx kuntatt mat-tfal, li ghalhekk illum tant ghandhom rabja ghalih, li ma jridux kuntatt mieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess, li ma giex kontraddett mill-konvenut u li jsib konferma anke fix-xhieda taz-zewg ulied maggjorenni, il-Qorti tirravviza ‘is-sevizzi’ u l-‘ingurja gravi’ da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu u anke ta’ uliedu; u dan fit-termini ta’ l-artikolu tal-ligi fuq citat, stante li l-komportament abuziv tieghu fuq bazi abitwali u ripetut irrenda l-hajja konjugali nsapportabbli, apparti mill-umiljazzjoni li kienet tissubixxi l-attrici, anke fir-reputazzjoni taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehema li, filwaqt li jirrizulta manifest li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser

irrimedjabbilment, it-talba attrici ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha; u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, thoss li l-komportament abusiv tieghu ghandu jattira d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 ta’ l-istess Kap.

**Kura u Kustodja**
Illi ma hemm dubju li huwa fl-ahjar interess tal-minuri F li llum ghandu circa 16-il sena li dana jibqa’ fil-kura u kustodja ta’ ommu l-attrici; b’ access favur il-missier jekk l-istess minuri, li llum ghandu eta’ li taghtih grad ta’ maturita’, jakkonsentixxi.

**Manteniment**
Illi jirrizulta car li l-konvenut bhala l-parti unikament hatja ghas-separazzjoni personali ghandu jigi kkundannat li jaghti manteniment, kemm lill-attrici kemm-il darba din ma tkunx tahdem bi qligh, kif ukoll ghal minuri F; izda rigward il-quantum, il-Qorti tosserva li ma ngabet ebda prova, la dwar l-introjtu tieghu, u lanqas dwar dak ta’ l-attrici; u ghalhekk, f’ dan l-istadju l-Qorti ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt ta’ l-attrici li tippercepixxi minghand il-konvenut manteniment ghaliha u ghat-tifel minuri sakemm dan jibqa’ minuri jew jibda jahdem bi qligh; u tirrizervalha d-dritt li tipprocedi b’ azzjoni appozita f’ dan ir-rigward.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi l-assi tal-komunjoni llum jikkonsistu fi kreditu ta’ l-attrici versu l-komunjoni fis-somma ta’ hamest elef u tnejn u disghin lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu [€5,092.21] rapprezentanti sehem il-konvenut mill-flus imhallsa minnha ghal mizata ta’ l-iskola tal-minuri F. Ghalhekk il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici din is-somma.

Illi rigward id-dejn li seta’ dahal fih il-konvenut ad insaputa ta’ l-attrici, il-Qorti qed tassenja dan id-dejn fl-intier tieghu lill-istess konvenut li kkuntrattah.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi;

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-konvenut;

[2] tilqa' it-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba' t-talba fil-konfront tal-minuri F ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 154[a] u [e] tal-Ka.16

[5] tilqa' il-hames talba limitatament kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[6] tilqa' is-sitt u s-seba' talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------